**PAWLU L-APPOSTLU TAL-ĠNUS**

**Għalina l-Maltin…**

Fl-Imnarja ta' din is-sena l-Knisja ser tibda s-sena Pawlina… b'tifkira tal-2000 sena mit-twelid ta' Sawlu ta' Tarsu li kellu jsir l-appostlu tal-ġnus. U jekk l-insara kollha huma mħeġġa biex jaqraw u jistudjaw ħajtu, aħna l-Maltin għandna nagħmlu dan b'iktar impenn għax San Pawl huwa dak li ġabilna l-fidi.

**Mela San Pawl kien Tork?**

Għad li twieled f'Tarsu u din il-belt illum qiegħda fit-Turkija (f'dak iż-żmien kienet tissejjaħ Ċiliċja) Sawlu ma kienx Tork għax il-ġenituri tiegħu kienu Lhud u lil binhom tellgħuh jirrispetta l-liġi ta' Mosè. U tant xtaqu li jissaħħaħ f'dan it-tagħlim li kienu jibagħtuh ta' spiss fil-belt ta' Ġerusalemm biex jitgħallem għand wieħed mill-aqwa Rabbini ta' dak iż-żmien… ir-Rabbi Gamaljel.

**Qattx iltaqa' ma' Ġesù?**

Ma ltaqax għax hu kien joqgħod f'Tarsu u kien biss f'okkażjonijiet li kien ikun Ġerusalemm. Aktarx għand oħtu li kienet miżżewġa u kellha tifel. U Ġesù min-naħa tiegħu qatta' ftit jiem biss f'Ġerusalemm għax il-ġimgħat u x-xhur l-oħra għaddiehom fil-Galilea.

**Allura għaliex ried jippersegwitah?**

Għax qalulu kemm Lhud kienu qed iħaddnu t-tagħlim ġdid tan-Nazzarenu u bi mħabba lejn id-din ta' missirijietu ried jagħmel ħiltu biex iwaqqaf it-tkattir ta' din iż-żerriegħa. Għalhekk ħa sehem dirett fil-mewt ta' Stiefnu billi żamm il-ħwejjeġ lil dawk li kienu qed iħaġġruh. U meta kien ikbar u iktar matur ried li s-sehem tiegħu ikun iktar qawwi u dirett. Kiseb il-permess biex imur ifittex il-Lhud ikkonvertiti għad-din tan-Nazzarenu fil-belt ta' Damasku (fis-Sirja) biex itellagħhom il-qorti. Iżda meta kien sejjer deherlu l-Mulej u staqsieh:

> "Għala qed tippersegwitani?"
> "Min int Mulej?"

U hemm saret il-bidla misterjuża… minn qerried tad-din tan-Nazzarenu sar appostlu kbir tiegħu.

**Pawlu jitgħammed**

Kien il-Mulej li għarraf lir-raġel twajjeb Ananija li fil-qrib, fid-dar ta' nisrani jismu Ġuda, kien hemm Pawlu ta' Tarsu lest li jitgħallem u jitgħammed. Ananija ma setax jifhem għax kien ġà sema' b'dan ir-raġel qalil imma obda lill-Mulej li assigurah li dan Sawlu ser isir appostlu li jxandar isem il-Mulej lill-ġnus.

**Il-qilla tal-Lhud**

Min persekutur sar appostlu. Intbagħat biex jaqbad l-insara u issa kien ixxierek magħhom. Il-Lhud ħalfu li jpattuhielu. Pawlu ħass li kellu bżonn ftit żmien ta' riflessjoni u rħielha għal ġod-deżert ta' ħdejn Damasku fejn kellu rivelazzjonijiet kbar mingħand il-Mulej. Imbagħad reġa' lura lejn Damasku jxandar lil Ġesù u l-messaġġ tiegħu. Minn persekutur ta' l-insara issa Sawlu mhux biss kien ixxierek magħhom imma sar appostlu

tad-din li hu kellu suppost jeqred. U dan mela lil-Lhud b'qilla kbira u bdew jaħsbu kif setgħu jeqirduh. L-insara kellhom iħarrbuh f'qoffa mdendla mas-swar għax kien hemm għassa kbira f'bieb il-belt biex x'ħin u meta jipprova joħroġ, joqtluh. Minn hemm mar Ġerusalemm imma l-qilla għalih kienet tant kbira li ma setax jevanġelizza u kellu kontra qalbu jerġa' lura lejn Tarsu, jaħdem it-tined, seneghtu.

**Xogħol kbir u ħaddiema ftit**
U proprju għalhekk Barnaba, dixxiplu mimli żelu għat-tixrid tal-kelma, ftakar f'Sawlu u ħass li dan seta' jagħti daqqa t'id siewja. Mar għalih Tarsu u ħajru jingħaqad miegħu f'appostolat li kien ser jagħmel f'Antjokja. U hekk bdiet il-ħidma appostolika ta' Pawlu.

**Jibdel ismu**
Salpaw għal Ċipru u Sergius Pawlus, il-gvernatur Ruman tal-gżira, meta sema' b'tagħlimhom xtaq li jitkellem magħhom. Barnaba u Sawlu marru u bil-grazzja tal-Mulej, Sergius ħaddan il-messaġġ nisrani. Din kienet kisba kbira għax Sergius kien l-iktar raġel importanti tal-gżira u wieħed jista' jimmaġina li kien hemm oħrajn li għamlu bħalu. Jibqa' l-fatt li minn issa 'l quddiem, Luqa jirreferi għal Sawlu bħala Pawlu. Forsi Sawlu għamel hekk b'rispett lejn dan il-gvernatur li kien laqa' l-aħbar it-tajba?

**Snin ta' appostolat**
Imbagħad bdew is-snin ta' ħidma appostolika għal Pawlu. Jiġri minn pajjiż għal ieħor. Iwassal l-aħbar it-tajba l-ewwel lil-Lhud u meta dawn qajla riedu jisimgħu lil Pawlu dar għall-pagani. Dan wassal biex ikun hemm ċertu tgergir għax anki l-Lhud insara donnhom kienu jippretendu li l-aħbar għandha tingħata biss lil-Lhud għax huma kienu l-poplu l-magħżul. Iżda l-Ispirtu s-Santu wera lill-Knisja li l-messaġġ kien għal kulħadd: "Morru għallmu lill-ġnus kollha."

Biex wettaq din il-ħidma, Pawlu għadda minn ħafna tbatija. Hu stess, fl-ittra tiegħu lill-Korintin, jirrakkonta kemm bata: "Mil-Lhud ħames darbiet ħadt l-erbgħin daqqa bil-virgi, darba mħaġġar, tliet darbiet rajt l-għarqa, għamilt lejl u nhar f'nofs ta' baħar. Safar bil-mixi bla għadd, perikli tax-xmajjar, perikli tal-ħallelin, perikli mill-poplu tiegħi, perikli mill-pagani, perikli fil-belt, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli fl-aħwa qarrieqa, xogħol u taħbit, sahriet ta' sikwit, ġuħ u għatx, sawm bla għadd, bard u għera." Pawlu tassew ħabb lill-Imgħallem tiegħu Ġesù u kien lest jilqa' kull sfida biex ixandar ismU.

**Salvat min-neputi**
Lura lejn Ġerusalemm, Pawlu ġie maqbud mil-Lhud u kienu joqtluh kieku mhux għax iddefendewh ir-Rumani malli saru jafu li hu ċittadin ta' belthom. Iżda xorta l-Lhud ħolqu nasba għalih biex jattakkawh meta jkun sejjer Qajsarija. In-neputi ta' Pawlu… it-tifel ta' oħtu, sar jaf b'dan il-ftehim u informa lil zijuh u wara lill-fizzjal u hekk salvah minn mewt żgura.

**Mgħajjar pesta u miġnun**
Ir-Rumani żammewh arrestat għax kienu jafu li jekk jitilquh kien jispiċċa vittma tal-Lhud. Riedu li jgħaddu ftit ġranet jew forsi ġimgħat biex il-qilla tal-Lhud tibred xi ftit. Sadanittant il-Lhud komplew jixluh u stqarrew quddiem il-ħakem Ruman li għalihom dan

il-bniedem hu pesta. Iżda Pawlu baqa' jiddefendi lilu nnifsu anki fil-preżenza ta' Erodi u l-ħakem Ruman Festus li sejjaħ lil Pawlu miġnun frott l-għerf kbir li kellu.

**Appell Ruma**

Meta ra li ż-żmien baqa' għaddej u hu kien għadu miżmum priġunier, Pawlu appella – kif kellu dritt bħala ċittadin Ruman – li l-kawża tiegħu tinstema' f'Ruma. It-talba ġiet milqugħa u Pawlu, ma' priġunieri oħra, intbagħat fuq ġifen mgħasses tajjeb, lejn il-belt kapitali ta' l-imperu biex isir ħaqq minnu skond il-liġi.

**Ma kellux ħsieb jiġi Malta**

Pawlu kien tal-fehma li jgħaddu x-xitwa fi Kreta. Lil ta' madwaru qalilhom: "Irġiel, nara s-safra ser tkun b'periklu u ħsara kbira mhux biss tat-tagħbija u tal-ġifen imma ta' ħajjitna wkoll." Imma ċ-ċenturjun sema' mill-kaptan u salpa minn Kreta bit-tama li jilħaq jasal Ruma qabel tinbet xi maltempata. Tama fiergħa għax qamet maltempata kbira li tefgħet il-ġifen fuq gżiritna. Nawfraġju qaddis li wassal lil Pawlu u lil sieħbu Luqa ma' bosta baħrin u priġunieri (b'kollox fuq il-ġifen kien hemm 276 ruħ) Malta. Issa ma setgħux ikomplu triqthom lejn Ruma qabel il-bidu tar-rebbiegħa. U Pawlu ħa l-okkażjoni mhux biss biex juri l-qawwa tal-Mulej b'ħafna mirakli u għeġubijiet iżda wkoll biex iwassal messaġġ ta' ġid lil missirijietna.

**Martirju**

Telaq lejn Ruma u wara li għadda mill-proċess legali nstab innoċenti. Ħieles mill-ġdid Pawlu kompla fejn ħalla… idur u jgħallem. Sakemm bdiet il-persekuzzjoni ta' Neruni u hekk flimkien ma' sieħbu Pietru (għad li mhux fl-istess jum jew xahar imma xhur wara) ħalla ħajtu għall-imgħallem tiegħu Ġesù.

**Ittri**

Pawlu kiteb ukoll ħafna ittri (13 b'kollox) biex dak li kien għallem itennih permezz tal-kitba. Kiteb lill-popli bħal Korintin u Efesin, lill-Isqfijiet (Titus u Timotju) u anki lill-ħabib tiegħu Filemon li fiha talbu biex jaħfer lil Onesimus li kien serqu.

Mhux ta' b'xejn li l-insara dejjem irreferew għalih bħala 'l-Appostlu tal-ġnus.'